# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it- Tlieta, 22 ta' Marzu, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 370/2021 TA**

**Sebastian Dalli (K.I. Nru.769956(M)**
**vs**
**L-Avukat tal-Istat**
**U**
**L-Avukat Ġenerali**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Sebastian Dalli (ir-rikorrent) tat-28 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talaba is-segwenti:

1. "Fit-3 ta' Frar tas-sena 2009, l-esponenti tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, mixli unikament bir-reat ta' assoċjazzjoni kontemplat fl-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Dakinhar stess tal-preżentata, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, ordnat l-iffriżar tal-assi tal-esponenti ai termini tal-artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fis-sena 2009, il-pożizzjoni legali kienet li l-imputat <u>ma seta' qatt jopponi</u> għal-talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar, u

l-Qorti ma kellhiex lanqas is-setgħa legali li titħad tali talba lilha magħmulha;

4. Kien biss, ħames snin wara li beda dan il-każ, li permezz tal-artikolu 31 tal-Att IV tas-sena 2014, ġew introdotti s-sub-inċiżi (7), (8) u (9) fl-artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. B'hekk li issa mhux biss ingħata l-vires lil Qrati li jistgħu jiċħdu talba talħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar, iżda ngħata l-opportunita' lill-imputat li jopponi talba għal ħruġ ta' tali Ordni;

6. D'dana pero', li, l-imsemmi Att IV tas-sena 2014, ma offriex l-opportunita' lil persuni bħar-rikorrenti odjern, sabiex f'perjodu perentorju stabbilit millistess Att, huwa jkun jista' jagħmel talba skont is-sub-inċiż (9) tal-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif emendat fl-istess Att;

7. Madanakollu, ir-rikorrenti, in linea mal-ħsieb ta' *exhaustion of all local remedies*, kif ukoll fl-apprezzament tal-fatt li dawn il-proċeduri huma ta' natura speċjali, nhar it-28 ta' Diċembru tas-sena 2020, l-esponenti talab ir-revoka tal-imsemmi Ordni ta' Iffriżar;

8. L-Avukat Generali intavola risposta fl-4 ta' Jannar tas-sena 2021, li permezz tagħha huwa oġġezzjona għal din it-talba;

9. Fil-5 ta' Jannar tas-sena 2021, il-Qorti Kriminali wara li "*rat dak espost fil-liġi partikolarment li l-0rdni ta' Iffriżar jibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali*", ċaħdet din it-talba tar-rikorrenti u ordnat illi l-0rdni tal-Iffriżar de quo għandha tibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali ai termini tal-artikolu 22A(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Fid-digriet supra indikat tal-Qorti Kriminali, l-istess Qorti filwaqt li ċaħdet it-talba tal-esponenti saħqet li hija "*pero ' tistieden lir-rikorrenti jippreżenta rikors kostituzzjonali dwar d-dewmien tal-proċeduri"*.

11. Sal-lum il-ġurnata, proprju iktar minn 12-il sena wara li dawn il-proċeduri nbdew, il-proċeduri odjerni għadhom pendenti fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, minħabba dewmien dovut unikament tort għall-aġir ta-lprosekuzzjoni, stante illi l-prosekuzzjoni għadha ma għalqitx il-provi tagħha. In vista ta' dan id-dewmien, l-istanti talab lil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex tirreferi dan il-każ quddiem il-Qorti Civili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) in kwantu d-dewmien, liema proċedura ta' riferenza għada pendenti (31/2021MH);

12. L-Ordni ta' Iffriżar ipparalizza kompletament l-operat kollu tar-rikorrenti personalment bil-konsegwenza illi l-esponenti qiegħed jiġi mxekkel milli saħansitra jibni relazzjoni bankarja;

13. L-Ordni tal-Iffriżar, li huwa indubbjament wieħed drakojan fl-estremità, affettwa negattivament lir-rikorrenti u dan peress illi:

    I. L-kontijiet bankarji tar-rikorrenti huma kollha ffriżati;
    II. Ir-rikorrenti qiegħed jiġi mċaħħad minn relazzjoni bankarja bażika;
    III. B'riżultat ta' din l-0rdni tal-Iffriżar, ir-rikorrenti qiegħed jaffaċja problemi serji sabiex jikseb impjieg u/jew jinnegozja u għal-daqstant mhux qiegħed ikollu dħul;
    IV. B'riżultat tal-Ordni de quo ir-rikorrenti sab ruħu fl-impossibilità li jonora l-obbligi finanzjarji tiegħu;
    V. Għalhekk, ir-rikorrenti jsostni illi qiegħed jiġi prekluż milli jgawdi l-proprjetà tiegħu;

14. L-Ordni ta' Iffriżar su riferita hija miżura altru milli sproporzjonata u dan-jingħad in vista tal-fatt illi ma kinitx limitata għall-ammont li allegatament ir-rikorrenti avvantaġġa ruħu minnu bl-allegata kommissjoni tar-reat im-putat lilu[i], iżda fuq kollox, kellu kemm kellu u għandu kemm għandu assi r-rikorrenti;

15. L-esponenti jikkontendi illi l-0rdni ta' Iffriżar kif applikabbli fil-kai odjern qiegħed joħloq leżjoni tad-dritt fondamentali tiegħu milli jkollu protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens u dan kif protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta'Malta;

16. In vista tas-suespost, issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Onor-abbli Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018 u fl-ismijiet George Tabone et vs. L-Avukat Generali fejn kien intqal:

    "L-Artikolu 37 iħares mhux biss kontra 'deprivazzjoni totali' tal-pro-prjetä iżda kontra **t-tehid ta' kull interess fi jew dritt fuq il-pro-prjeta. Il-ius abutendi — il-jedd li tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjeta — huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-pro-prjeta.** Għalhekk, li sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa tehid ta' interess fi proprjetä, u jintlaqat mill-artikolu 372."

17. In Oltré, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem stabbiliet x'tista' tkun il-bażi biex il-Qorti Kriminali tvarja ordnijiet li jċaħdu lill-persuna mit-tgawdija tal-proprjeta' tagħha temporanjament. Tabilħaqq, fis-sentenza fl-ismijiet Paulet vs. United Kingdom tat-13 ta' Mejju 2014, il-Qorti

Ewropea sabet illi kien hemm leżjoni tal-Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni kif fuq Citat u dan għas-segwenti raġunijiet:

"64. It is not in dispute that the confiscation order in the present case amounted to an interference with the applicant's right to peaceful enjoyment of his possessions as protected by the first sentence of Article 1 of Protocol No.l. Moreover, it is clear from Philips v. the United Kingdom, no 41087/98, 51, ECHR 2001 - Vll, that confiscation orders fall within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which inter alia, allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. **However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised** (see, among

many examples, Allan Jacobsson v. Sweden (no.l), judgment of 25 October 1989, Series A no. 163, p.17, 55).

65. An interference with Article 1 of Protocol No.1 will be disproportionate where the property-owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden", such that "the fair balance which should be struck between the protection of the right of property and the requirements of the general interest" is upset (see Sporrong and Loonroth v. Sweden, cited above, 73). The striking of a fair balance depends on many factors (AGOSI V. the United Kingdom, 24 October 1986, 54, Series A no. 108). Although the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicant a reasonable opportunity for putting his case to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake (AGOSI, cited above,
55, and Jokela vs. Finland, no. 28856/ 95, 55, ECHR 2002-IV).

18. Aktar riċenti, fil-kawża fl-ismijiet **Filkin v. Portugal** deċiża fit-3 ta'Marzu,2020 (69729/12), il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qalet illi filwaqt li restrizzjoni temporanja fuq l-użu ta' proprjeta ta' Ċittadin hija fil-kompetenza tal-Istati Membri, iridu jissussistu ċertu kundizzjonijiet bħal dik tal-interess ġenerali. Il-Qorti sabet li f'dan il-każ kien hemm leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni peress illi:

**"Since the applicant did not benefit from the procedural guarantees that would enable him to effectively challenge the measure in ques-**

**tion and having regard to its long period of application, the Court concluded that the applicant had been subjected to a "special and outrageous charge", which overturned the fair balance that must be struck betvveen the legitimate general interest pursued by the authorities and the applicant's right to peaceful enjoyment of his property."**

19. Riċentement, is-sentenza su riferita fl-ismijiet Filkin v. Portugal ġiet ampjament ċitata fis-sentenza **Keith Schembri et v. L-Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Civili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' April 2021 fejn dik l-Onorabbli Qorti, hi u tesprimi ruħha fuq il-konsegwenzi negattivi li jġibu magħhom dawn it-tip ta' ordnijiet, irrimarkat is-segwenti:

"Il-Qorti Ewropea hemmhekk stqarret li sabiex jingħad li huma mħarsa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, l-indħil fid-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta' kellu jkun fl-interess pubbliku u skont dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi u dawk il-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali. Tenniet li l-indħil għandu jassigura bilanċ ġust bejn l-eżiġenzi tal-interess ġenerali u n-neċessita li jitħarsu d-drittijiet fondamentali tal-individwu."

20. L-esponenti jagħmel referenza għall-kawża riċenti mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-7 ta' Frar 2020 fl-ismijiet Apostolovi vs. Bulgaria u dan stante illi f'din il-kawża kellu jiġi mistħareġġ jekk Ordni ta' Iffriżar maħruġa waqt proċeduri kriminali kinitx tikkostitwixxi lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti sabet li f'dan il-każ kien hemm leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni peress illi:

"90. It is not in dispute that the freezing order with respect to the first applicant's assets amounted to an interference with his possessions.

104. ... **It was the domestic courts' duty to satisfy themselves that the <u>freezing of the first applicant's assets would not cause him more damage than that which inevitably flows from such measures."</u>**

21. Ir-rikorrenti għaldaqstant isostni illi qiegħed isofri minn leżjoni ta' diversi drittijiet fondamentali tiegħu, u ċioe':

Leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, 1-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-ordni insindikabbli ta' iffriżar qed tinfliġġi fuqu

piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huwa hati li kkommetta reat.

22. Għaldaqstant qiegħda ssir din il-kawża.

23. Ir-rikorrenti jaf personalment b' dawn il-fatti kollha hawn fuq dikjarati.

**Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, ir-rikorrenti umilment jit-lob lil dina l-0norabbli Qorti jogħġobha:**

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Kon-venzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra wkoll leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-0rdni ta' Iffriżar qiegħed jinflinġi fuqu piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huwa ħati li kkommetta reat;

3. Tannulla, u tirrevoka l-0rdni tal-Iffriżar mertu tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet "Pulizija [Supt. J. J. Fenech] v Sebastian Dalli';

4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;

5. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-ri-korrenti;

6. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni".

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Ġenerali (l-intimati) li permezz tagħha wieġbu is-segwenti:

1."Illi l-esponenti jiddikjaraw li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija mir-rikorrenti u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

2. Illi l-esponenti jemmnu li għal kull buon fini u sabiex l-affarijiet ikunu ċari u iktar faċli għal kulħadd, ir-rikorrent għandu jippreżenta l-liġi kif kienet meta r-rikorrent tressaq b'tali akkużi;

3. Illi l-esponenti jirrilevaw li r-rikorrent qed jabbuża mill-proċedura kostituzzjonali. minħabba l-fatt li r-rikorrent diġa' ntavola rikors quddiem il Qorti Kriminali sabiex jitlob ir-revoka tal-Ordni tal-Iffriżar mertu ta' dan il-każ u l-Qorti Kriminali, wara li studjat il-każ, rat li ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed li permezz tagħhom setgħet tilqa' dak ir-rikors (anzi, ordnat li tali Ordni tibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali u dan skont l-artikolu 22A(2)(b) tal Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), ir-rikorrent iddeċieda li jiftah tali proċeduri;

4. Illi esponenti ma jixbgħux jenfasiżżaw l-eċċezzjonalita' ta tali proċeduri fejn il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhix li ssir qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji jew li din il-Qorti hija xi forma ta' appell minn deċiżjonijiet kriminali jew li din il-Qorti tista' tħassar deċiżjonijiet ta' qrati oħra kif ġieb u laħaq għaliex dan imur oltre d-dispożizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;

5. Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrileva li skont il-*proviso* tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. Għaldaqstant, l-esponenti jissottolineaw li din il-miżura hija għal kollox neċessarja għaliex ir-reat li qed nitkellmu dwaru huwa gravuż. Tali miżura hija <u>**leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurtà pubblika u dan sabiex jiġi evitat jew jitwaqqaf id-diżordni jew egħmil kriminali u jiġi assigurat li flus li ġejjin minn reati ma jintużawx għall-benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati.**</u>

6. Illi bħala sostenn għall-paragrafu preċedenti, l-esponenti jagħmlu referenza għad-deċiżjoni <u>Premier Leasing and Investments Company Limited vs L-Avukat tal-Istat et</u> datata 6 ta' Frar 2015 fejn ġie mgħallem li:

*"...huwa fl-interess tas-soċjeta' in ġenerali li l-ordni tal-iffriżar tal-assi tingħata u tiġi applikata sabiex b'dan il-mezz provviżorju u kawtelatorju jiġi zgurat il-proprjeta' akkwistata b'attivita' kriminali li hija ta' detriment kbir għas-soċjeta' tiġi konfiskata* ***f'każ ta' sejbien ta' ħtija***," (enfasi miżjud - jiġifieri, l-konfiska ssir biss wara sejbien ta' ħtija u mhux qabel);

7.Illi l-esponenti jaraw li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli għall-ilmenti tal-każ preżenti;

8. Illi fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti jrid iġib prova ċara b'liema mod u manjiera ġarrab ksur tal-Artikoli msemmija minnu;

9. Illi l-esponenti jqisu li ġaladarba l-Qorti kompetenti rat li ma kienx hemm lok għal tibdil jew saħansitra għar-revoka tal-Ordni tal-Iffriżar, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tiġi mlibbsa bi rwol li mhux tagħha għaliex din mhix Qorti tal-Appell u mhux l-irwol tagħha li tannulla u tirrevoka Ordni tal-Iffriżar maħruġ b'mod leġittimu. Fid-dawl ta' dan, ċertament li l-ebda kumpens mhu dovut lir-rikorrent;

10.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

> Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent".

Rat l-atti kollha tal-Kawża.

Rat id-dokumenti kollha esbiti.

Semgħet ix-xhieda mressqa fil-perfors ta' dawn il-proċeduri.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti:**

Ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-3 ta' Frar 2009. Ġie addebitat bir-rejat ta' assoċjazzjoni kif kontemplat f'artikolu 22(1)(f) tal-kap 101 tal-liġijiet ta' Malta. Fil-jum inkwistjoni il-Prosekuzzjoni talbet il-kongelament kollu tal-assi kollha tar-rikorrent. Fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 22A tal-imsemmija liġi il-Qorti hekk għamel (Ara a' fol 42 u43 ).

Meta tressaq il-liġi kienet għadha fis-sens li hu ma seta' jagħmel ebda oppożizzjoni jew appell minn din l-ordni ta' konġelament jew kif kommunament tissejjaħ ta' iffriżar. Kien bis-saħħa tal-emendi li saru bl-Att IV tal-2014 li bl-introduzzjoni tal-artikolu ġdid 22A u preċiżament f'subartikolu 9 , li ngħata d-dritt akkużat, li jkun jista' jikkontesta ordni bħal din għalkemm dan id-dritt xorta baqa' ma ingħatax lir-rikorrent għar-raġunijiet li ser ikunu spjegati aktar 'l isfel.

Il-proċeduri ilhom għaddejjin għal ben 12-il sena u kif ser ikun spjegat aktar 'l quddiem, mingħajr progress sinjifikanti tant li jidher li dawn il-proċeduri

għadhom fi stadju meta l-Prosekuzzjoni, minkejja diversi verbali , għadu fi stadju tal-provi tagħha. Nel frattemp l-ħajja ekonomika u jekk mhux ukoll soċjali tar-rikorrent ilha fil-friża għal dan il-perjodu kollu.

Fit-28 ta' Diċembru 2010, ir-rikorrent interpona Appell għal quddiem il-Qorti Kriminali biex jitlob ir-revoka tal-ordni ta' artikolu 22A. Dik il-Qorti b'digriet tagħha tal-5 ta' Jannar ġustament ċaħdet it-talba għaliex kellha idejha marbutin bil-liġi. B'dana kollu stiednet lir-rikorrent "*jippresenta rikors Kostituzzjonali dwar dewmien fil-proceduri*" ( Ara a' fol 50).

Għalhekk saru dawn il-proċeduri.

**<u>Punti ta' Liġi:</u>**

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed isostni li minħabba kif ġie trattat u fid-dawl li l-ordni ta' kongelament inkwistjoni għal dawn is-snin kollha huwa sofra ksur tad-drittijiet tiegħu kif imħarsa mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u kif ukoll tal-artikoli 7 tal-Ewwel skeda u 39(8) tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament. Fil-każ tal-aħħar żewġ artikoli, ir-rikorrent jikkontendi li din l-Ordni ta' konġelament infliġġiet fuqu piena konsegwenzjali mill-eħrex, mingħajr ma huwa ħati li kkometta rejat b'referenza għall-prinċipju nulla poena sine lege u kif ukoll li għandha dejjem tkun applikata il-piena l-aktar favorevoli (fuq dan il-punt ara **Sentenza tas16 ta' Settembru, 2021 fl-ismijiet Pierre Debono (ID 580776M) -vs- L-Avukat tal-Istat et tal-Prim Awla Qorti Ċivili**).

F'dan l-istadju l-Qorti tħoss li għandha tikkumenta fuq żewġ punti waħda ta' natura sostanzjali u l-oħra proċedurali. L-ewwel waħda tikkonċerna l-fatt, anke wara li din il-Qorti eżaminat l-atti kriminali, it-tul ta' żmien li qiegħda tieħu dik l-proċedura. Di fatti anke il-Qorti Kriminali, kif diġa' senjalat aktar 'l fuq, stiednet lir-rikorrent jinizja azzjoni konstituzzjonali minħabba it-tul ta' żmien li qiegħdin jieħdu l-proċeduri kriminali. B'dan kollu f'dawn il-proċeduri r-rikorrent ħass li kellu jillimita ruħu għaż-żewġ drittijiet fuq imsemmija, iġifieri dritt għat-tgawdija tal-propjeta' u ksur tar-regola tal-aktar piena favorevoli jew ksur tal-prinċipju *ne bis in idem* għall-akkużat.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fil-każ numru 82/2009 b'digriet tal-21 ta' Jannar 2021 laqgħet talba tar-rikorrent sabiex issir referenza lill-Prim'Awla minħabba dewmien irraġjonevoli. B'dana kollu dawn il-proċeduri nbdew mhux bis-saħħa ta' dik ir-referenza, iżda permezz ta' rikors oriġinali *ad hoc* u kif diġa' ingħad fuq raġunijiet differenti minn dawk imsemmija fir-referenza. Dan ma jfissirx li b'daqshekk, din il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni tar-rikors li għandha quddiemha. Ifisser iżda biss li sal-lum din il-Qorti ma taf xejn dwar kif ġiet ikkonsegwita r-referenza inkwistjoni.

Il-Qorti ħasset li kellha tagħmel din l-osservazzjoni għaliex fil-waqt li fil-każ ta' referenza taħt artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, il-Prim'Awla tagħti direzzjoni lil xi Tribunal jew Qorti li tkun għamlet dik r-referenza, mhux hekk fil-każ tal-proċeduri li għandha quddiemha. Fil-każ li għandha quddiemha, din l-Qorti trid tiddeċiedi u tagħti rimedji, u dan għaliex ksur ta' dritt fundamentali tal-bniedem mingħajr rimedju effettiv u effikaċi huwa bħal pakkett sabiħ vojt minn ġewwa.

**Konsiderazzjonijiet:**

Il-Qorti tibda biex tesprimi l-frustrazzjoni u diżappunt tagħha tal-mod xejn professjonali ta' kif l-aġenti **kollha** tal-Istat l-ikkonduċew il-proċeduri kriminali fl-ismijiet il-Pulizija -vs- Bastjan Dalli (82/2009). Meta l-Qorti rat il-proċess kollu kriminali u baqet skantata kif sal-lum dan għadu fi stadju tal-Prosekuzzjoni wara mija u tlieta u għoxrin seduta (Ara xhieda tas-Superintedent Johann Fenech a' fol 25). Ma hux possibbli għal din il-Qorti li tispjega l-verbali kollha f'dawn il-proċeduri imma f'aktar minn nofshom **ma sar xejn** u f'ħafna oħrajn taparsi sar xi ħaġa.

Wara tnax-il sena fil-proċess insibu parti kbira minn ħajja ta' bniedem, tant li kważi kważi l-inkartament fih innifsu qiesu il-bijografija ekonomika u soċjali tar-rikorrent. Kredituri jridu jitħallsu, safar minħabba mard u peress li fost il-kundizzjonijiet tal-liberta' mill-ħelsien tal-arrest hemm il-ħinijiet tar-rinkasar il-frekwenza ta' talbiet mir-rikorrent sabiex ikun jista' jattendi tiegħ jew xi funzjoni oħra tal-familja. Il-Qorti tifhem meta r-rikorrent xehed fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2021 hekk:

"Hajti ġiet magħluqa għal kollox. Ma stajtx naħdem għax anke l-Banek għalquli kollox lili. Ma stajt naħdem xejn. U la stajt inħallas bollol, li llum l-anqas pensjoni ma għandi, Jiena ħajti ġiet distrutta u niddependi minn ħuti biex ngħix." (ara a' fol 30 u dok Sd esebit fis-17 ta' Settembru 2021). B'dana kollu dawk il-proċeduri għadhom fi stadju fejn l-akkużat għadu ma bediex iressaq il-provi tiegħu. Minn eżami tal-inkartament il-provi kważi għadhom l-istess bħal meta r-rikorrent tressaq l-ewwel darba.

Huwa inkredibbli kif tnax-il sena ilu, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2010, il-prosekuzzjoni ddikjarat għalqet il-provi tagħha għajr li kien baqa' jkun preżentat ir-rapport ta' Martin Bajjada u b'dana kollu sal-lum xorta għadha għall-provi tal-prosekuzzjoni. Fis-seduta f' April 2011 ir-rikorrent irreġistra, li l-proċeduri sabiex isiru xi ittri rogatorji fil-Libja kienu qegħdin jikkawżaw dewmien irraġjonevoli. F'dik is-seduta żgur ma kellux f'moħħu li kien għad fadallu bosta snin oħra jistenna. Reġa' irreġistra protesta simili fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2011, bil-prosekuzzjoni konsapevoli bit-turbulenzi politiċi li kienet għaddejja minnhom il-Libja dak iż-żmien.

Mhux l-ewwel darba li l-Avukat Ġenerali talab li jinġiebu provi li jkunu diġa' fl-atti u għalhekk kull darba ma kien isir xejn, bħal fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014. Oħroġ il-għaġeb, għat-tieni darba l-prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li ċertu Dr. Daniela Buġeja Manġion, kellha tkun l-aħħar xhud. Iżda din id-dikjarazzjoni kienet biss tħażiża oħra fl-ilma.

Erbgħa snin wara, fit-30 t'Ottubru 2018 il-Prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li ma għandha ebda xhieda oħra xi tressaq u reġgħet għamlet hekk fl-10 ta' Jannar 2019, fl-14 ta' Frar 2019 u fl-24 ta' Marzu 2019 sakemm fl-aħħar, fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2019 il-Qorti ħasset li kellha tissolleċita lill-Avukat Ġenerali sabiex jara x'għandu jagħmel sabiex il-proċeduri ma jkomplux jittawwlu, bħal li qallu ma kienux diġa' twalu minn kemm huwa raġjonevoli. Għal bqija tas-seduti il-Prosekuzzjoni tgħid li ma għandiex aktar provi bl-Avukat Ġenerali jibqa' jinsisti li jrid aktar provi. L-Ispettur Johann Fenech jixhed li fl-aħħar rinviju tal-10 ta' Marzu 2020 l-AG talab li jitħarrku xeba xhieda, li ma kienu qatt intalbu fit-tlett

snin ta' qabel (ara a' fol 26). Dan wara 13-il sena! Din id-*dance and song* bejn il-prosekuzzjoni, l-AG u l-Qorti baqet għaddejja sakemm fl-aħħar fit-2 ta' Marzu 2021, kif diġa' aċċennat, ingħata d-digriet għar-referenza Kostituzzjonali. In suċċint tul dan iż-żmien kollu ma sar assolutament xejn ta' sustanza.

Din il-Qorti qed tħalli barra d-drabi ta' kemm inbiddlu Periti u esperti. Ta' kemm-'il seduta kien hemm fejn dejjem baqa' jitħarrek l-espert Martin Bajjada. Ta' kemm saru seduti u ma deherux xhieda, issa għal ħaġa jew għall-oħra. Il-ħin li nħela f'episodji bħal dawn huwa inkredibbli, u nel frattemp l-ordni ta' konġelament baqet hemm, bl-effetti kollha pervażivi li din kellha fuq l-ħajja tal-akkużat. *Sopra corna bastonete*, l-akkużat ma kellu l-ebda għodda legali biex jitlob it-tneħħija totali jew parzjali għaliex meta inbidlet il-liġi b'Att IV 2014 u ġie introdott l-artikolu 22A fuq imsemmi, il-benefiċċju li ingħata lill-individwi akkużati wara din il-bidla fil-liġi sabiex jikkontestaw ordni bħal din ma saritx disponibbli għar-rikorrent. Xi ħadd nesa' biex jipprovdi sabiex l-effetti tagħha jiġu ukoll estiżi għal min bħar-rikorrent, kellu diġa' proċeduri pendenti qabel il-bidla fil-liġi.

Il-Qorti tifhem għalfejn il-Qorti Kriminali, fid-digriet tagħha fuq imsemmi, għamlet dik l-istedina lir-rikorrent. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-mod kif ġew kondotti il-proċeduri f'dan il-każ huma *text book case* kif il-malamministrazzjoni ta' ġustizzja taffettwa l-ħajja ta' individwu. Il-Qorti ħasset li kellha tagħmel dan il-prejambolu pjuttost estensiv, biex min jaqra din is-Sentenza japprezza aktar il-kuntest tad-deliberazzjonijiet ta' din il-Qorti aktar.

Kif diġa' intqal, l-artikoli tal-liġi li r-rikorrent jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu huma l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-artikoli 39(8) u artikolu 7 tal-

Konvenzjoni tal-Kostituzzjoni rispettivament. Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tipprovdi dwar dan, l-ewwel billi l-ewwel titratta tal-aħħar u wara tal-ewwel.

*<u>Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament</u>.*

Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk :

*"Hadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul"*

U

Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jgħid hekk:

*(1)Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

*(2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li,fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati*

F'dan din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula hekk:

"*Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi*."

Il-Qorti tistqarr, li fl-ilment tiegħu r-rikorrent ma hux daqstant ċar. Żgur ma hux jirreferi nettament għall-prinċipju ta' *nullum crimen sine legem* jew *nulla poena sine lege'*. Dan jingħad għaliex mill-fatti jemerġi b'mod ċar, dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent kien fil-fatt sanzjonat mill-liġi, indipendentement jekk tali liġi hiex raġjonevolment korretta jew in konformita' mad-dettami tal-prinċipji Kostituzzjonali. Fin-nota ta' osservazzjonijiet ma tantx jeluċida dan il-punt anke jekk jagħmel referenza għal xi Sentenzi tal-ECHR. Bir-rispett kollu lejn ir-rikorrent, dawn ma jindirrizzawx dan il-kweżit, imma pjuttost artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Fit-tieni talba jgħid, li d-drittijiet tiegħu taħt l-artikoli minnu invokati "*peress illi l-Ordni tal-iffriżar qiegħed jinflġġi fuqu piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huwa ħati li kkometta reat*". Iġifieri l-Qorti qed tifhem u għandha għalfejn tikkonkludi, li dan l-ilment huwa mmirat lejn il-fatt, li minħabba li l-emendi introdotti ma jagħtuħx l-istess dritt li ngħata lil dawk li ġew akkużati wara id-dħul ta' dawn l-emendi, allura konsegwenzjalment, huwa ser ikun soffra aktar għaliex ma ngħatax l-għodda biex jikkontesta din l-ordni, bil-konsegwenza li ser ikollu jitqanna bl-ordni sakemm tingħata Sentenza. Imma din is-sitwazzjoni ma għandha xejn x'taqsam ma' piena li ma kinitx teżisti fil-mument tas-sentenza.

Huwa minnu, li biex dak li jkun jasal dwar jekk miżura tammontax għal piena mhux bilfors irid iħares lejn kif tkun klassifikata norma. il-klassifikazzjoni ta' piena mhux neċessarjament hija biss dik li ordinarjament imsemmija fil-liġi. Di fatti intqal li '*The starting point for any assessment of the existence of a "penalty" is to ascertain whether the measure in question was ordered following a*

*conviction for a "criminal offence". However, that criterion is only one of the relevant criteria; the lack of such a conviction by the criminal courts is not sufficient to rule out the existence of a "penalty" within the meaning of Article 7*' (Ara Sentenza tal-ECHR fl-ismijiet **G.I.E.M. S.R.L. and Others vs. Italy (merits) [GC], §§ 215-219**).

Fil-premessa numru 6 tar-rikors ġuramentat ir-rikorrent jilmenta li r-rimedju li jagħti subartikolu 9 tal-artikolu 22A ma hux disponibbli għalih. Qabel xejn, il-Qorti tirrileva li sakemm ma kienx għadu introdott l-Att, huwa kien fl-istess pożizzjoni bħal oħrajn. Di fatti, anke fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jispjega li qabel 2009 l-Ordni kienet waħda awtomatika. Għalhekk, dan l-ilment partikolari beda propju fil-2014 għaliex ir-rimedju li huwa disponibbli għal min ġie akkużat wara l-bidla fil-liġi ma sarx disponibbli għalih. Dan ifisser li dan l-ilment jirrigwarda il-perjodu bejn 2014, meta inbidlet il-liġi, u illum. F'dan il-kuntest, fil-premessa numru 6 tar-rikors tiegħu jiffoka mhux wisq fuq l-ordni nnifisha. Anzi jidher li jaċċetta li ordni bħala tista' tingħata. Il-preokkupazzjoni tiegħu tinsab fil-fatt, li ma hemmx disponibbli għalih ebda mezz kif jista' jikkontestha. Għalhekk irridu nżommu distinti minn xulxin, l-aspett proċedurali minn dak sostantiv. Dak li qed jilmenta minnu ir-rikorrent huwa element ta' natura proċedurali. (Ara fost oħrajn **Sentenza tal-ECHR fl-ismijiet per se Scoppola -vs- Italy**).

Biex miżura titqies bħala waħda sostantiva irid ikollha il-konsegwenza ta' piena, anke jekk fil-liġi ma hiex klassifikata hekk. Ir-rikorrent mhux jilmenta mill-legalita' tal-Ordni *per se*, iżda l-fatt li l-liġi ma tipprovdiex l-għodda biex tali ordni tkun

kontestata jew b'xi mod amortizzata piena eħrex minn dik li tipprospetta l-liġi. Dan huwa argument validu u kien ikun xorta validu kieku ma nbidlitx il-liġi fl-2014 u anke kieku ma kienx hemm id-Direttiva 2014/12/EU. Pero' dwar din id-direttiva aktar 'l isfel.

Għalhekk meta qieset kollox, il-Qorti tħoss li għalkemm il-mankanzi tal-liġi kellhom avversi fuq ir-rikorrent, il-Qorti ma tistax tqieshom bħala fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-artikoli li qiegħed jistrieħ fuqhom ir-rikorrent. Dawn l-artikoli jittrattaw pieni, u dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma hiex piena iżda miżura kawtelatorja anke jekk finalment il-propjeta' maqbuda tista' tkun soġġetta għall-konfiska bis-saħħa ta' ġudizzju finali. F'dan ir-rigward għandhom raġun l-intimati meta fir-risposta numu 7 jsostnu li l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni ma hux applikabbli. Il-Qorti tgħid ukoll li bl-istess mod l-anqas l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ma huwa applikabbli.

Għalhekk il-Qorti ma tħossx li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali taħt artikoli 7 tal-Konvenzjoni u 39(8) tal-Kostituzzjoni. Dan ma jfissirx pero', li ma jistax ikun hemm ksur ta' drittijiet fundamentali oħrajn taħt artikoli oħra tal-liġi u dan kif ser jingħad 'l quddiem.

*Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.*

L-artikolu inkwistjoni jiddisponi hekk :

*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma' għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

Il-Qorti ser tqies il-ksur ta' dan id-dritt fundamentali fid-dawl ta' żewġ ċirkostanzi. L-ewwel waħda hija dik li tirrigwarda it-tibdil fil-liġi bl-Att IV tal-2009. It-tieni waħda, il-mod kif ġew malamministrati l-proċeduri kriminali fil-waqt li l-ordni ta' konġelament kienet u għadha fis-seħħ b'mod li nħoloq żbilanċ bejn dak li huwa neċessarju għall-aħjar amministrazzjoni tal-Ġustizzja u dritt tar-rikorrent li jgawdi **paċifikament** il-propjeta' u possedimenti kollha tiegħu. Bil-kelma possedimenti, din il-Qorti ma tifhimx biss ħwejjeġ materjali, iżda anke dawk intanġibbli, fost oħrajn l-opportunitajiet mankati f'ħajjet il-persuna bħal ma huwa ġenerazzjoni ta' negozju jew ħiliet u kapaċitajiet tal-persuna li jiġġeneraw qliegħ jew ġid.

Fil-parti prejambulari tal-konsiderazzjonijiet diġa' sar aċċenn għat-tibdiliet li saru fil-liġi. L-Att IV tal-2014 introduċa l-prinċipju li Ordni ta' konġelament jista' jkun ikkontestat minn min ikun akkużat. Dan id-dritt ma kienx jeżisti qabel l-2014. L-artikolu 22A(9) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*L-imputat jista' fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data li tkun saret l-ordni taħt is-subartikolu (7) jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tiġi revokata l-ordni, sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tiġix revokata mill-Qorti Kriminali*

Art 42. tal-Att IV tal-2014 , minn naħa l-oħra jiddisponi hekk :

*Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 24 u 35 ta' dan l-Att għandu jkollhom effett ukoll fir-rigward tal-proċedimenti kriminali kollha li jkunu għadhom quddiem kull Qorti fiż-żmien tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att ukoll jekk il-proċedimenti msemmija ikunu fis-stadju ta' appell.*

Dan ifisser, li l-emendi ma japplikawx għar-rikorrent, għaliex l-Att ma provdiex trażitorjament għal artiklu 31, li jittratta l-artikolu 22A tal-Kap 101 u li permezz tiegħu ġiet introdotta il-kontestazzjoni għall-ordni ta' iffriżar. Dan ifisser li s-sitwazzjoni tar-rikorrent baqet l-istess bħal ma kienet qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi, tant li l-Qorti Kriminali ċaħditlu t-talba **wara** li nbidlet il-liġi. Dan iffisser, li r-rikorrent tħalla fil-limbu u dan x'aktarx minħabba "*oversight*" tal-leġislatur, li sal-lum għadu ma għamel xejn biex jindirizza din l-inġustizzja.

Imma anke li kieku ma kien hemm ebda tibdiliet fil-liġi, il-fatt li Ordni bħal din ma tkunx tista' tiġi kontestata, bħal ma kienet is-sitwazzjoni qabel l-2014, fiha innifisha hija ukoll liġi ħażina. Dejjem kellu jkun hemm dan il-mezz disponibbli għall-akkużat talinqas f'ċertu sitwazzjonijiet, bħal meta l-proċeduri jitwalu għal aktar minn kemm imisshom mingħajr ħtija tal-imputat, kif fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

L-emendi fil-liġi, ma sarux biex isir xi pjaċir lil xi ħadd imma għaliex kellu jkun hekk mil-bidu. Fil-fhema ta' din il-Qorti, ma kienx hemm għalfejn id-Direttiva numru 2014/42/EU biex dritt bħal dan jidħol fil-liġi tagħna. Huwa minn awl id-dinja, li l-imputat dejjem għandu jkollu d-dritt li jitlob li jitħassar jew ikun emendat Ordni ta' din ix-xorta. Id-Direttiva imsemmija fil-fatt tistabilixxi hekk :

*4. **Member States shall provide for the effective possibility for the person whose property is affected to challenge the freezing order before a court, in accordance with procedures provided for in national law**. Such procedures may provide that when the initial freezing order has been taken by a competent authority other than a judicial authority, such order shall first be submitted for validation or review to a judicial authority before it can be challenged before a court.*

*6. Member States shall take the necessary measures to ensure that reasons are given for any confiscation order and that the order is communicated to the person affected. **Member States shall provide for the effective possibility for a person in respect of whom confiscation is ordered to challenge the order before a court.***

***(34) The purpose of communicating the freezing order is, inter alia, to allow the affected person to challenge the order. Therefore, such communication should indicate, at least briefly, the reason or reasons for the order concerned, it being understood that such indication can be very succinct.***

Minn dawn il-passaġġi tad-Direttiva, il-Qorti tislet żewġ konklużjonijiet:

L-ewwel, l-importanza li d-direttiva tagħti għad-dritt ta' kontestazzjoni għall-ordni

It-tieni, li sal-lum ir-rikorrent għadu fil-pożizzjoni li kien qabel, daqs li kieku din id-Direttiva qatt ma eżistiet u l-liġi ma nbidlitx.

Għalkemm ordnijiet bħal dawn ma humiex *per se* kaġun ta' ksur ta' dritt fundamentali **(ara Sentenza Mucci -vs- Italy)** b'dana ma jfissirx li ma għandhomx ikunu attivati b'mod raġjonevoli u bilanċjat jew li l-imputat ma għandux ikollu dritt li jikkontesthom. Apparti dan, il-Qorti ma tistax ma tosservax, li filwaqt li r-rikorrent ma għandux dan id-dritt ta' kontestazzjoni, mhux hekk għall-Avukat Ġenerali. Di fatti, artikolu 22A(8) jipprovdi li f'każ li l-Qorti tiċħadlu it-talba għall-konġelament tal-assi tal-imputat**,** l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa.

Dan ifisser, li fis-sitwazzjoni anomala tar-rikorrent, l-anqas teżisti parita' ta' armi f'din il-proċedura. Għalkemm huwa minnu li dan il-prinċipju jiġi ġeneralment invokat fil-każ ta' ksur ta' artikolu 39(2) u 6(I) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament (Ara **Sentenza tas-16 ta' Frar 2000 fil-kawża Rowe and Davis vs. United Kingdom** ), jibqa' l-fatt, li dan ikompli jbiegħed mir-rikorrent kull speranza li qatt jista' jkollu opportunita' li jirrevoka din l-ordni. Dan għaliex f'każ li t-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ tal-Ordni ma tintlaqax, tista' pero' tintlaqa' mill-Qorti Kriminali wara appell miċ-ċaħda tal-Prosekuzzjoni. Għalhekk huwa sillogismu legali korrett jekk jingħad li l-mezz ta' kontestazzjoni ta' ordnijiet bħal dawn huwa intrinsikament marbut sfieq mad-dritt ta' tgawdija paċifika tal-propjeta' u biex ikun hemm it-tgawdija mhux neċessarjament irid ikun hemm propjeta' għaliex dan huwa dritt intinsiku tal-integrita' tal-individwu. Fi ftit kliem, id-dritt li nakkwista propjeta' mingħajr xkiel, anke jekk fil-mument propjeta' ma għandiex, ma għandux ikun inġustament imxekkel b'ordnijiet ta' din ix-xorta. Iċ-

ċaħda tad-dritt ta' kontestazzjoni hija fiha innifsha u per se in-negazzjoni tat-tama li l-imputat li jkun jista' jibda jgawdi f'kollox jew parti minnha l-propjeta' tiegħu, dejjem jekk ikollu raġun fil-liġi. Jekk jirrikorru ċirkostanzi li ġustament jagħtu lok għar-revoka tal-ordni, iżda dan ma jkunx jista' jsir, għaliex ma hemmx disponibbli il-mezz kif ir-rikorrent jista' jitlob dan il-bdil, ikun ifisser, li jkun qiegħed jiġi imċaħħad inġustament milli jgawdi ħwejjġu paċifikament. Għalhekk l-għotja ta' possibbilita' li jikkontesta ordni bħal din, remot kemm hu remot is-suċċess tal-kontestazzjoni, joffri tama lill-persuna li tista' possibilment terġa' tibda tgawdi jew tużufruwixxi mill-propjeta' jew possedimenti tagħha.

Kif diġa' ingħad aktar 'l fuq, din il-Qorti bil-kelma possedimenti tifhem ukoll il-ħiliet u kapaċitajiet tal-individwu li jistgħu ikunu impjegati f'attivita' industrijali li tista' tirrendilu xi xorta ta' qliegħ jew jakkwista propjeta' futura. Għalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mal-Avukat tal-istat meta jargumenta li r-rikorrent jammetti li ma kienx fittex xogħol. Ma hemm ebda dubju li din l-ordni żgur ser tkun ta' xkiel, l-ewwel biex isib impieg u t-tieni min jimpjegaħ kien ser ikollu l-obbligu li ma jagħddilux il-ħlas qua sekwestratarju b'konsegwenza tal-ordni. Il-Qorti hija konvinta u ma għandha ebda dubju, aktar u aktar llum mill-bieraħ, minħabba l-eżerċizzji ta' due diligence fuq il-persuna li saru tant frekwenti, l-konsegwenzi ovvja u pervasiva ta' din ordni ta' din ix-xorta ser tkun ċertament ta' tfixkil u ostaklu fil-milja kollha tal-ħiliet u kapaċitajiet tal-individwu, Di piu' il-Qorti tfakkar ukoll li f'sitwazzjonijiet jista' jkollok vittmi indiretti, bħal ma huma dawk dipendenti u membri tal-familja. Fis-Sentenza riċentissima **tal-ECHR fl-ismijiet**

**Shorazova -vs- Malta (applikazzjoni numru 51853/19 tat-3 ta' Marzu 2022** dik li osservat hekk fir-rigward ta' ordnijiet bħal dak mertu ta' dawn il-proċeduri:

*"The Court further notes that the entirety of the applicant's assets held in Malta were frozen, and continued to be so, for nearly eight years. The only variations made by the domestic court (under Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance) during that period, were of little since they did not lift the freezing order over any of the property. Save for the authorisation to make certain payments, they solely allowed for limited use and transfers of some of the property which was and remained affected by the freezing order. The relevant proceeds obtained from such transactions were also to be affected by the order (see paragraph 43 above) (see, acontrario, Karahasanoğlu , cited above, § 153). The remaining requests, as accepted by the Government, were rejected. Thus, the order remained far-reaching, despite the absence of any assessment as to any correlation to the 'charges' pending against the applicant (see paragraph 114 above), even assuming they were genuine and based on a persistent reasonable suspicion".*

Wara li eżaminat u qieset il-liġijiet kollha rilevanti ta' pajjiżna din il-Qorti waslet għas-segwenti konkluzjoni :

*"<u>In the light of the above the Court considers that, in the procedure before the Criminal Court by which the freezing order was issued and repeatedly extended in the applicant's case, until July 2021, she was deprived of relevant procedural safeguards against an arbitrary or disproportionate interference</u>. The constitutional jurisdictions failed to rectify those omissions as they merely paid*

*lip service to the relevant criteria in their assessment of the impugned measure (see paragraphs 58 and 66 above) which the applicant had claimed was in breach of her rights under Article 1 of Protocol No. 1. As a result, her property rights were rendered nugatory".* (Emfażi tal-Qorti)

Fil-każ ċitat hawn fuq, il-proċeduri kienu ilhom 8 snin pendenti. Fil-każ odjern il-każ ilu 12-il sena għaddej.

Huwa interessanti li l-Qrati tagħna, partikolarment il-Qrati tal-Maġistrati fil-kompetenza Kriminali tagħhom, kemm-il darba għamlu osservazzjonijiet simili għal dawk ennunċjati mill-ECHR fis-Sentenza suċitata. Hekk fid-digriet **tad-9 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Brian Tonna et, per Maġistrat Donatella Frendo** fir-rigward ta' ordnijiet ta' din ix-xorta il-Qorti ħasset li kellha tgħid hekk:

**"***Għalhekk f'każ li (i) jiġi determinat a priori l-ammont ta' l-allegat rikavat jew (ii) (addirittura bħal ma hu l-każ in deżamina) jirrizulta li ma jkunx hemm rikavat u cioe` l-persuna imputata ma tkun ipperċepiet l-ebda propjetà` jew flejjes ta' provvenjenża illeċita, li ordni t'iffriżar jitħalla jibqa' in vigore għat-tul tal-proċeduri, bid-diffikultajiet u tbatijiet li indubbjament tali ordni jġorr miegħu, ikun tassew inġust fil-konfront tal-persuna imputata li l-ordni jestendi fuq propjetà, flejjes jew assi ta' kull xorta li jiżboq l-ammont tal-allegat rikavat. Multo magis meta ma jkun hemm l-ebda rikavat!"* (Ara ukoll **Digrieti tas-17 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet Ir-Repubblika -vs- Yorgen Fenech u kif ukoll dak tas-17 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet Repubblika -vs- Vincent Buħaġiar kollha per Maġ Donatella Frendo).**

Dawn l-aħħar żewġ digrieti jakkwistaw importanza mhux biss inkwantu jitfgħu dawl fuq il-bilanċ li jrid jintlaħaq bejn din l-ordni u id-drittijiet tal-akkużat, iżda wkoll għaliex, minn eżami tal-atti tal-Kumpilazzjoni, ir-rikorrent kemm-il darba saħaq li minkejja s-snin kollha li għaddew minn fuq il-proċeduri, għad ma hemmx prova li għamel xi profitt jew qliegħ. Ordni bħal din hija inrinsikament marbuta mal-fatt li l-assi ffriżati huma provenjenti minn qliegħ magħmul minn attivita' illeċita' b'riflessjoni tal-pieni stabbiliti taħt artikolu 22 tal-Kap 1010 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk fid-dawl tat-tul ta' żmien esaġerat, b'kondotta tal-aġenti kollha tal-Istat li tirraża l-parodija ta' ġustizzja, b'defiċjenza waħda wara l-ħlas u l-effett pervasiv fuq il-patrimonju tar-rikorrent, il-Qorti ssib li tassew ġie miksur id-dritt tar-rikorrent protett minn artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**Konsiderazzjonijiet oħra:**

Il-Qorti ma tħossx li għandha tieqaf hawn fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-każ li għandha quddiemha. Aktar 'l fuq ġie rilevat li l-perkors xejn ordnati tal-proċeduri kriminali u kif ukoll konvulżivi, kkontribwew għat-tul irraġjonevoli. F'dan ir-rigward, diġa' saret referenza għall-stedina li għamlet il-Qorti Kriminali biex ir-rikorrent jinizja proċeduri minħabba dewmien irraġjonevoli. Hekk ukoll għamlet il-Qorti tal-Maġistrati, meta sabet li t-talba tar-rikorrent biex il-każ ikun referut lil Qorti apposita minħabba dewmien essaġerat u sabet li din it-talba la kienet fiergħa u l-anqas vessatorja. Imma kif diġa' intqal, għal xi raġuni r-rikorrent naqas li jibbaża r-rikors odjern fuq dan l-aspett tal-proċeduri kriminali.

L-Avukat tal-Istat fil-paragrafu 26 tan-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu jirrileva dan il-fatt u ċioe' li ma hux irressaq ilmet abbażi ta' dewmien irraġjonevoli.

B'dana kollu, ma hemm xejn xi jżomm din il-Qorti milli xorta tikkunsidrah hi, partikolarment **meta l-ksur huwa manifest**. F'dan ir-rigward il-Qorti tirribadixxi d-dritt tagħha, inkwantu f'data mill-Kostituzzjoni f'artikolu 46 u 4, tal-Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-liġijiet ta' Malta rispettivament biex tħares id-drittijiet fundamentali tal-bniedem meta tkun adita għalhekk. Il-fiduċja tal-liġi fil-Qorti tikkomprendi l-awtorita' imnissla mill-fatt li din hija funzjoni integrali għall-kompetenza oriġinali tagħha, li jekk waqt is-smiegħ jirriżultalha xi ksur **manifest** ta' xi dritt ieħor hija għandha tipprovdi għalih ukoll jekk mhux mitlub.

Il-Qorti qiegħda tagħmel emfażi fuq l-element manifest tal-ksur, għaliex hija l-fehma soda tagħha li dan huwa l-każ f'dawn il-proċeduri. Din it-tendenza diġa' ġiet manifestata fis-**Sentenza tat-Tlieta 18 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet Il-Pulizija (Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara vs. Mario Zammit tal-Qorti Kostituzzjonali** fejn intqal hekk:

*"Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, minkejja li t-termini tar-referenza huma cirkoskritti ghad-dritt ta' smigh xieraq, id-determinazzjoni ta' din il-vertenza tinnecissità li tigi ezaminata l-pozizzjoni legali ta' Mario Zammit fl-ambitu wkoll tad-dritt fundamentali protett bl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni."* (Emfażi ta' din il-Qorti).

Huwa veru, li l-każ appena ċitat kien jirrigwarda referenza kostituzzjonali. Mentri fil-każ odjern, il-Qorti ġiet adita oriġinarjament permezz ta' rikors *ad hoc*. B'dana

kollu l-prinċipju enunċjat huwa fis-sustanza dak, li l-Qorti ma hiex marbuta bit-termini tal-ilment magħmul fil-każ ta' ħarsien tad-dritt fundamentali tal-bniedem.

Fil-kamp tal-ksur ta' drittijiet tal-bniedem jeżistu differenzi proċedurali essenzjali minn dawk li solitament ikunu applikati fil-kamp strettament ċivilistiku. Hekk per eżempju, l-kunċett ta' interess fil-każ Kostituzzjonali huwa aktar wisgħa u jista' jkun anke ipotetiku (*x'aktarx ser jinkiser dritt*), il-ħeffa u l-urġenza li huma eċċezzjonali għall-azzjoni ordinarja, il-mezz ta' introduzzjoni tal-ilment Kostituzzjonali u anke ix-xorta ta' rimedji, li jistgħu jingħataw b'mod aktar liberali minn dawk li jkunu mitluba f'rikors ġuramentat f'kawżi ordinarji.

Fil-fatt ma hemmx limitu għax-xorta ta' rimedji li jistgħu jingħataw anke jekk mhux mitluba. Fil-Kostituzzjoni u anke il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta espressament jikkonferixxu lill-Qorti il-poter li tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-dispożizzjonijiet li tħares id-drittijiet fundamentali.

Ma' dawn il-karatteristiċi speċjali ta' azzjoni bħal din tiżdied dik, li din il-Qorti għandha il-poter li tinvesti ukoll ksur ta' drittijiet fundamentali li għalkemm mhux mitluba jkunu **manifesti**. Huwa propju għalhekk, li l-Qorti Kriminali għamlet dik l-istedina lir-rikorrent, ħaġa mhux komuni, għaliex ħasset li d-dewmien kien manifest. X'jikkostitwixxu ksur manifest huwa fl-apprezzament ta' din il-Qorti jew dik Kostituzzjonali skont il-każ.

Għalhekk il-Qorti wara li eżaminat l-atti tal-proċeduri kriminali sabet, li dan id-dewmien ma kienx ikkawżat minn xi għemil tar-rikorrent. Mill-verbali ma hemm

xejn x'jindika li ir-rikorrent qatt ma deher, ħlief meta kien awtorizzżat isiefer jew li b'għemilu ikkontribwixxa għat-tul tal-proċeduri. L-element ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja. Irid għalhekk jintlaħaq bilanċ bejn iż-żmien mistħoqq biex jitressqu il-provi u l-interessi tal-individwu sabiex episodju spjaċevoli f'ħajtu mitmum b'ħeffa u effiċjenza u bl-inqas tbatija possibli għall-individwu.(Ara **Boddaert -vs- Belgium u Raymond Bonnici et -vs- Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27**).

Sabiex jiġi żgurat dan il-bilanċ, fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi individwali u partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (ara fost ħafna oħrajn **Kurzac vs. Poland § 30; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]; Frydlender v. France [GC], § 43; Sürmeli v. Germany [GC], § 128; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 209**). Dawn huma:

(i) il-kumplessità tal-każ;

(ii) il-kondotta tal-parti li qed tilmenta;

(iii) il-kondotta tal-awtorijiet kompetenti, jiġifieri l-azzjonijiet tal-qorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi oħra involuti fil-proċess;

(iv) l-importanza tal-każ għall-persuna;

Il-Qorti ma tistax, l-anqas bit-tiġbid tal-immaginazzjoni tilmaħ li dan il-bilanċ intlaħaq fil-każ tar-rikorrent. Il-Qorti lanqas għandha għalfejn iżżid aktar mal-osservazzjonijiet tagħha, għaliex minn issa 'l quddiem tali osservazzjonijiet ikunu suprefluwi. Il-Qorti, mingħajr esitazzjoni, issib li ġie ukoll miksur id-dritt għal smiegħ xieraq minħabba dewmien altru milli irraġjonevoli, liema dritt funadamentali huwa imħares mill-artikolu 39(2) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

Il-Qorti ħasbet dwar x'tip ta' rimedju jista' jingħata fiċ-ċirkostanzi. Fost dawn żgur li jrid jingħata kumpens lir-rikorrent. Dan għandu jkun dak **sebgħa u għoxrin elf, disgħa mija ewro (€27,952).** Dan l-ammont huwa kalkolat fuq kemm huwa konċess li tibqa' tirċievi persuna kolpita minn ordni bħal din bis-saħħa ta' artikolu 21(1)(b) tal-Kap 101 tal-liġijiet. Ammonti, li fil-fehma ta' din il-Qorti, għaż-żminijiet tal-lum huma irriżorji. Il-Qorti ser tkun ukoll qed tordna li dan l-ammont għandu jitħallas direttament lir-rikorrent u ma għandux ikun milqut mill-ordni mertu ta' dawn il-proċeduri. Fuq dan l-ammont għandhom jiddekorru imgħaxijiet legali b'effett mid-29 ta'Mejju 2019 u ċioe' mid-data tas-seduta li fiha il-Maġistrat sedenti issolleċitat lill-Avukat Ġenerali biex jagħmel dak li għandu jagħmel sabiex ma jkomplux jittawwlu l-proċeduri.

Kwantu għat-tielet talba, ser tkun qed tiġi milqugħa. Li kieku din il-Qorti kellha tħalli din l-Ordni, ma tkunx qed tagħti rimedju effettiv fiċ-ċirkostanzi pjuttost pjetuż tal-każ. Jekk tonqos tkun qed tagħti pakkett sabiħ iżda battal minn ġewwa.

**Decide:**

Għaldaqstant din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija qed taqta' u tiddeċiedi dawn il-proċeduri bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrent u tiddikjara illi dan sofra leżjoni tad-dritt tiegħu tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**Tiċħad it-tieni talba** kif mitluba, **iżda minflok issib** li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem tar-rikorrent inkwantu manifestament ma ngħatax smiegħ xieraq minħabba dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri, l-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara et) -vs- Sebastian Dalli u dan bi ksur tal-artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni.

**Tilqa' it-tielet talba** u tannulla u tirrevoka l-Ordni tal-Iffriżar mertu tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija ( Supt. J.J. Fenech ) -vs- Sebastian Dalli.

**Tilqa' ir-raba' talba** u tillikwida bħala kumpens li għandu jingħata lir-rikorrent l-ammont ta' **sebgħa u għoxrin elf, disgħa mija ewro (€27,952)** bl-imgħaxijiet legali mid-29 ta' Mejju 2019 sal-pagament effettiv għal raġunijiet fuq spjegati.

**Tilqa' l-ħames talba** u tordna lill-intimati solidament bejniethom iħallsu is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet kif indikati.

**Tilqa' is-sitt talba** u tordna li l-ammont li qed ikun likwidat ma għandux ikun milqut mill-Ordni inkwistjoni u għandu jitħallas direttament lir-rikorrent.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri għal intimati.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**